MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 57/2003

**The Catalogue Company Limited**

**Vs**

**Mandy Fenech**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ Lm275.33c (mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin u tlieta u tletin lira centezmu) rapprezentanti bejgh ta’ diversi oggetti u l-konvenuta naqset mill thallas lis-socjeta’ attrici.

Il-konvenuta kienet giet kummissjonata mis-socjeta’ attrici bhala agenta taghha fir-rigward tal-bejgh ta' prodotti tal-marka "La Redoute” u “Studio” lil terzi persuni.

Minkejja li l-konvenuta xtrat hija personali, kif ukoll bieghet lil terzi persuni diversi oggetti tal-marki hawn fuq imsemmija, l-istess konvenuta naqset milli thallas lis-socjeta' attrici l-prezz ta' dawn l-oggetti.

Ghalkemm il-konvenuta giet interpellata biex thallas l-ammonti hekk dovuti minnha, hija baqghet inadempjenti fil-hlas totali hawn fuq imsemmi.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------